## Kampjonat 1961-62

# Floriana jibqgħu b'punti massimi

minn **Tonio Farrugia**

### It-Tmien Ġurnata

**10-02-1962:**
**Floriana FC – St. George's FC 2-0**
**H.T 2-0 Ref: Carmel Galea**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 15' u P. Demanuele (F) 21'.**

**Floriana FC**: Charlie Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Charles Galea, Edward Azzopardi, Lolly Borg, Twanny Sultana, Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**St. George's FC**: Pawlu Nappa, Leonard Mizzi, Joe Brincat, Peppi Delceppo, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Ernie Glynn, Albert Attard, Freddie Delia, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Wally Hili, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Floriana kellhom lura fit-team lil Żarenu Alamango iżda Billy Dalli kien għadu ma reġax sab postu f'nofs l-attakk Furjaniż. Sadanittant huwa kien tilef postu fil-quċċata tal-aqwa skorers.

2. Għal St. George's irritorna l-goalkeeper Pawlu Nappa li kien ilu nieqes mill-aħħar partita tal-istaġun ta' qabel.

3. Fl-okkażjoni tal-ewwel goal Furjaniż, skorjat minn Tony Cauchi, il-logħob waqaf għal diversi minuti wara li l-players daru jipprotestaw mar-referee u l-linesman Vella għal offside ta' Cauchi fejn kellha tidħol ukoll il-Pulizija sabiex tikkalma s-sitwazzjoni. Il-goalkeeper Nappa, Leonard Mizzi u Ġużi Ciantar kienu l-aktar ħorox fil-protesti tagħhom fejn il-ġurnal 'Bulletin' qal li r-referee deher ikeċċi lil Ciantar iżda meta kompla l-logħob il-player baqa' fil-ground.

4. Il-player Joe Brincat ta' St. George's kompla jilgħab il-partita sattmiem minkejja l-uġiegħ f'idu fejn wara nstab li kien kiser il-polz.

**11-02-1962:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 3-1**
**H.T 1-0 Ref: Jos. F. X. Galea**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 23', L. Bugeja (B) 57', E. Theobald (H) 61' u G. Dalli (B) 81'.**

**Birkirkara FC:** Alfred Abela, Pawlu Barbara, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Toni Caruana, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

**Hibernians FC**: Vincent Demajo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Emric Ellul, Leli 'L-Għawdxi' Attard (Edward Previ 70'), Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Freddie Church, Leli Sultana, Jimmy Mizzi (Freddie Farrugia 46'), Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri.

1. Il-goalkeeper Alfred Abela ddebutta ma' Birkirkara. Huwa jiġi missier l-Avukat magħruf Dr. Toni Abela. Anke Hibernians kellhom goalkeeper debuttant bejn il-lasti meta kemm Freddie Mizzi kif ukoll Lolly Rizzo kienu msefrin. Rizzo, li kien jaħdem mal-Gvern, kien jinsab fil-Libja fuq xogħol b'konnessjoni mal-istand ta' Malta fil-Fiera Internazzjonali li kienet qed issir fi Tripli filwaqt li Mizzi kien jinsab għal erba' xhur Portsmouth fuq kors tal-Laundry.

2. Louis Theobald u Sunny Anastasi kienu nieqsa mill-ewwel team ta' Hibernians. Louis Theobald kellu jiżżewweġ f'dik l-istess ġurnata filwaqt li Anastasi kien jinsab il-Libja mal-Armata.

3. Fl-okkażjoni tal-ewwel goal ta' Birkirkara, skorjat minn Frans Bonnici, il-ballun ħabat ma' Andrew Ellul qabel spiċċa fix-xibka. Il-gazzetti tal-epoka kollha taw il-goal lil Bonnici.

4. Erbat ijiem biss qabel Hibernians kienu għadhom kemm rebħu l-Cassar Cup meta fil-Final kienu għelbu lil Sliema Wanderers 1-0 b'goal ta' Jimmy Mizzi.

5. Wara din il-partita l-kampjonat waqaf għal ġimgħa minħabba l-Elezzjoni tal-1962.

**24-02-1962:**
**Valletta FC – St. Patrick FC 6-0**
**H.T 4-0 Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: P. Gauci (V) 19', J. Urpani (V) 26', P. Gauci (V) 33', N. Chircop (V) 39' u 47' u J. Zammit (V) pen. 69'**

**Valletta FC**: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Tony Calleja, Nenu Chircop, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**St. Patrick FC**: Charlie Vella (Joe Tanti 30'), Joe Degiorgio, Joseph Cassar, George Busuttil, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila (Victor Brincat 46'), Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Freddie Abela, George Camilleri, Joe Grech.

1. Valletta kienu qed jilagħbu mingħajr l-attakkant tagħhom Frankie Zammit li telaq lejn il-Kanada fejn iżżewweġ fis-17 ta' Frar. Huwa kellu ħsieb li jibqa' jgħix hemmhekk iżda Valletta kkonvinċewh sabiex jirritorna lejn Malta fejn kien mistenni lura lejn tmiem Marzu.

2. Players oħra nieqsa mit-team Belti kienu Johnnie Darmanin li kien ma jiflaħx u Freddie Borg 'Il-Waniż' li kien qed jitlef l-ewwel partita f'dan l-istaġun wara xi differenzi li kellu mal-kumitat Belti.

3. Ma' Valletta ddebutta Tony Calleja li kellu 17-il sena. Huwa kien it-tifel tas-Segretarju ta' Valletta FC, Manwel Calleja.

4. Il-goalkeeper ta' St. Patrick, Charlie Vella, talab li jinbidel wara nofs siegħa logħob wara li kkommetta żewġ żbalji li wasslu għall-ewwel żewġ goals ta' Valletta. L-ewwel goal ta' Pawlu Gauci wasal dirett minn corner filwaqt li t-tieni goal wasal wara li Vella żelaqlu l-ballun minn cross ta' Gauci biex Urpani kompla f'xibka vojta.

**25-02-1962:**
**Ħamrun Sp. FC – Sliema Wdrs. FC 1-1**
**H.T 1-0 Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: F. Galea (Ħ) 5' u M. Walsh (S) 47'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Martin Attard, Silvio Micallef, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech (Gejtu Briffa 46'), Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Freddie Galea.

**Sliema Wdrs. FC:** Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Johnnie Gatt, Robbie Buttigieg, Joe Aquilina, Rudyard Mifsud, Maurice Walsh, Joe Cini, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, John Bonnett, Sammy Nicholl.

1. Salvu Cuschieri nħatar bħala coach ta' Ħamrun Spartans wara li Salvinu Schembri telaq lejn il-Ġermanja fuq servizz mal-Armata. Cuschieri, li kien rebaħ il-kampjonat ma' Hibernians fl-istaġun ta' qabel, kien irriżenja minn coach tal-club Pawlist kmieni f'dan il-kampjonat.

2. Pawlu Buttigieg kien nieqes mit-team tal-Ispartans minħabba li kellu xi differenzi mal-kumitat.

3. Jimmy Gatt irritorna bejn il-lasti tal-Ispartans wara nuqqas ta' erba' xhur. Huwa kien ilu nieqes mit-telfa ta' 4-1 kontra St. George's.

**Klassifika**: Floriana FC 16-il pt.; Valletta FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC 9 pti.; Hibernians FC 8 pti.; Birkirkara FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 5 pti.; St. George's FC 4 pti.; St. Patrick FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers**: J. Mizzi (Hibernians FC) 8 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; B. Dalli (Floriana FC) 6 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) u M. Azzopardi (Valletta FC) 5 goals.

## Id-Disa' Ġurnata

**03-03-1962:**
**Floriana FC – Hibernians FC 3-2**
**H.T 0-2 Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: S. Anastasi (H) 30 sekonda, C. Schembri (H) 18', B. Dalli (F) 52', T. Cauchi (F) 71' u B. Dalli (F) 74'.**

**Floriana FC:** Salvu Alamango (Charlie Fabri 19'), Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Lolly Borg, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Billy Dalli, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele (Charles Galea 46').

**Hibernians FC:** Lolly Rizzo (Vincent Demajo 46'), Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Emric Ellul, Leli Sultana (Edward Previ 80'), Fredu Church, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri.

1. Hibernians fetħu l-iskor wara biss tletin sekonda meta Sunny Anastasi nnota li l-goalkeeper Salvu Alamango kien barra minn postu, għajjat lil Leli Sultana biex iqassamlu t-throw-in u skorja b'xutt minn nofs il-ground.

2. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Żarenu Alamango li kien qed jilgħab il-hockey mat-team tal-Armata, fi Tripli, peró kellhom lura lil Billy Dalli wara li rranġa d-differenzi li kellu mall-kumitat.

3. Hibernians kien qed jilagħbu mingħajr Leli Attard 'L-Għawdxi' u mingħajr l-aqwa skorer tal-kampjonat Jimmy Mizzi, b'dan tal-aħħar ikollu xi differenzi mall-Kumitat.

4. Il-goalkeeper Rizzo weġġa' minuta qabel il-mistrieħ meta ħabat ma' Tony Cauchi u ma rnexxielux joħroġ għat-tieni taqsima meta nstab li kellu concussion. Hibernians, li sa dak il-ħin kienu qed jirbħu 2-0, sofrew tliet goals wara l-mistrieħ u tilfu l-partita 3-2 bil-goalkeeper Demajo jkollu tort fiż-żewġ goals skorjati minn Billy Dalli.

5. Hibernians batew anke mill-injury ta' Sunny Anastasi li fit-tieni taqsima weġġa' f'daħla għall-ballun ma' Tony Cauchi u għalkemm baqa' fil-ground sal-aħħar iżda ftit daħal fl-azzjoni.

**04-03-1962:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 4-1**
**H.T 2-1 Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: L. Tonna (B) 30 sekonda, J. Zammit (V) 13', P. Gauci (V) 30', T. Calleja (V) 59' u N. Chircop (V) 75'.**

**Valletta FC**: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe Cilia, Alfred 'Il-Waniż' Borg, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Tony Calleja, Nenu Chircop, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Birkirkara FC**: Alfred Abela, Pawlu Barbara (Tony 'Euchar' Grech 46'), Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli (Lino Sciberras 74'), Toni Caruana, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef.

1. Minħabba li kien jum il-Karnival il-partita ntlagħbet fl-10.15 a.m minflok il-logħob tat-Tieni Diviżjoni li tħassar. Is-soltu l-logħob tal-football kien jieqaf f'jum il-Karnival iżda f'dan l-istaġun il-programm kien waqa' lura minħabba li kien diġà waqaf darbtejn bla mistenni, l-ewwel f'Novembru biex tintlagħab il-partita ta' ħbiberija bejn Malta u n-Norveġja, u t-tieni darba minħabba l-Elelzzjoni taħraq ta' Frar 1962.

2. Birkirkara kellhom nieqes lil Frans Bonnici 'Il-Lula' minħabba li kien imweġġa' filwaqt li Valletta kienu mingħajr Frankie Zammit u Mario Azzopardi. Zammit kellu jirritorna mill-Kanada f'dak l-istess jum fil-għaxija.

3. Minkejja li l-goal Karkariż skorjat wara 30 sekonda ingħata lil Leli Tonna, il-ballun deher jaħbat ma' difensur Belti qabel spiċċa fix-xibka.

**10-03-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – St. Patrick FC 3-0**
**H.T 2-0 Ref: Joseph F. X. Galea**
**Skorja: J. Cini (S) 12', 35' u 89'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Alfred Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Joe Aquilina, Rudyard Mifsud, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Joe Cini, Maurice Walsh, John Bonnett, Ġulinu Muscat.

**St. Patrick FC**: Charlie Vella, Joe Bugeja, Joe Degiorgio, George Busuttil, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Joe Drago, Victor Brincat, Joe Grech, Wistin 'Il-Babaw' Barbara (Gori Farrugia 46'), Zammit, Pace.

1. Wara t-telfa ta' 6-0 kontra Valletta fl-aħħar ħarġa, St. Patrick ħallew barra lill-players Joe Cassar, Jimmy Casha, Romeo Psaila, George Camilleri, Charlie Mattocks u Toninu Camenzuli u lagħbu din il-partita b'forward line ffurmat minn Wistin Barbara u players tal-Minors u Reserves. Mattocks u Camenzuli ħabbru li ma riedux jilagħbu iktar ma' St. Patrick.

2. Sliema Wanderers kellhom nieqes lil Sammy Nicholl li kien imweġġa'.

3. Il-partita kienet waħda monotona għall-aħħar fejn Sliema taw tliet xuttijiet fil-lasta ta' St. Patrick u skurjawhom kollha filwaqt li St. Patrick taw xutt wieħed f'partita sħiħa. Il-korrispondent tal-ġurnal 'Il-Berqa' li rrapporta din il-logħba kiteb hekk: "Dan ir-rapport suppost li ħadli kolonna .... imma biex ser nimliha din il-kolonna?"

4. Minn din il-ġimgħa il-partiti bdew fit-3.30 p.m. – kwarta tard iktar missoltu.

**11-03-1962:**
**Ħamrun Sp. FC –**
**St. George's FC 0-0**
**Ref: Frans Grech**

**Ħamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Silvio Micallef, Albert Calleja (John 'Il-Bipu' Mifsud 71), Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Gejtu Briffa, George Cuschieri, Freddie Galea.

**St. George's FC:** Albert Borg, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Delia, Leonard Mizzi, Peppi Delceppo, Albert Attard, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Joe Mizzi, Wally Hili.

1. Fl-47 minuta, ir-referee Frans Grech naqas li jinnota li corner mogħti minn Joe Mizzi ħabat mal-lasta bil-ballun jerġa' jiġi għand l-istess player li reġa' tefa' cross ieħor f'ħalq il-lasti li minnu kważi sar goal.

Il-player Bormliż hekk ġie mess il-ballun darbtejn minn azzjoni ta' corner mingħajr intervent ta' xi player ieħor. Inċident simili li minnu kien wasal goal kien qajjem fervent sħiħ f'partita tal-Ewwel Diviżjoni Ingliża, fl-1952, bejn Tottenham Hotspurs u Huddersfield Town, bl-Ispurs iġibu d-draw b'dak il-goal u Huddersfield finalment jiġu relegati għat-Tieni Diviżjoni b'differenza ta' punt. Fortunatament f'Malta l-iżball ma rriżultax daqshekk gravi.

2. Skond il-ġurnal 'Bulletin' għal din il-partita kien hemm preżenti inqas minn 400 spettatur li minnhom 32 kienu pulizija.

**Klassifika:** Floriana FC 18-il pt.; Valletta FC 16-il pt.; Sliema Wdrs. FC 11-il pt.; Hibernians FC 8 pti.; Birkirkara FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 6 pti.; St. George's FC 5 pti.; St. Patrick FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers**: T. Cauchi u B. Dalli (Floriana FC) u J. Mizzi (Hibernians FC) 8 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC), J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u C. Chircop u M. Azzopardi (Valletta FC) 5 goals.